UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/07/2021]
16 ta' Awwissu 2021

NOMINI ĠODDA FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Bl-għan li l-Poplu ta' Alla miġbur fid-Djoċesi ta' Għawdex jiġi megħjun bl-aħjar mod fil-mixja Nisranija tiegħu, skont il-bżonnijiet u l-esiġenzi attwali, qed jiġu mħabbra dawn in-nomini ġodda marbuta ma' diversi ministeri fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex.

Fil-ħidma fi ħdan il-Kurja Djoċesana:
- **Mons. Eddie Zammit** (mix-Xewkija) – *Kanċillier*; u
- il-**Kan. Joseph Zammit** (minn San Ġorġ, il-Belt Victoria) – *Vigarju Ġudizzjali* tat-Tribunal Ekkleżjastiku.

Tliet komunitajiet parrokkjali ser ikollhom Raġħajja ġodda fil-bidu tas-Sena Pastorali 2021-2022:
- il-**Kan. Anton Refalo Rapa** (mix-Xagħra) – *Kappillan* tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar;
- **Dun Dominic M. Sultana** (mix-Xagħra) – *Kappillan* tal-Parroċċa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur, l-Għasri; u
- **Mons. Edward Xuereb** (mix-Xewkija) – *Arċipriet* tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp, il-Qala.

Minħabba esiġenzi pastorali, f'dawn ix-xhur bdew jew se jibdew il-missjoni pastorali tagħhom bħala Retturi:
- **Dun Joseph Bajada** (mix-Xagħra) – *Rettur* tal-Komunità ta' Ġesù Nazzarenu, ix-Xagħra;
- **Dun Injazju Borg** (mix-Xagħra) – *Rettur* tal-Komunità tar-Raġħaj it-Tajjeb, il-Belt Victoria, u *Direttur* tad-dar għas-saċerdoti fi ħdan l-istess Ċentru Pastorali;
- **Dun Joseph Farrugia** (mill-Għarb) – *Rettur* tal-Komunità u l-Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II, il-Belt Victoria;
- il-**Kan. Noel Saliba** (miż-Żebbuġ) – *Rettur* tal-Komunità ta' Santa Luċija; u
- **Mons. Eddie Zammit** (mix-Xewkija) – *Rettur* tal-Knisja tal-Madonna ta' Pompej (tas-Sorijiet Dumnikani), il-Belt Victoria.

Saċerdoti oħra li ser ikunu qed jagħtu l-għajnuna tagħhom f'xi parroċċi flimkien ma' ħidmiet oħra, huma:
- il-**Kan. Geoffrey George Attard** (minn San Ġorġ, il-Belt Victoria) – *Kollaboratur* fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana;
- **Dun Joseph Attard** (miż-Żebbuġ) – *Vigarju Parrokkjali* fil-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, fil-Katidral, il-Belt Victoria, kif ukoll *Kappillan tal-Kor* u *Ċeremonier* tal-Kapitlu Katidrali;
- **Dun Krystof Buttigieg** (mill-Qala) – *Vigarju Parrokkjali* fil-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, iż-Żebbuġ, kif ukoll jgħin fl-*Uffiċċju Kateketiku* fil-Kurja Djoċesana;
- **Dun Noel Debono** (min-Nadur) – *Kollaboratur* fil-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar, kif ukoll *Direttur* tal-Istitut għall-Ministeru Pastorali (IPM);

- **Dun Frankie Mallia** (miż-Żebbuġ) – *Kollaboratur* fil-Parroċċa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, il-Katidral, il-Belt Victoria, kif ukoll *Kappillan tal-Kor* tal-Kapitlu Katidrali;
- **Dun Michael Mifsud** (mill-Għarb) – *Vigarju Parrokkjali* fil-Parroċċa ta' Marija Bambina, ix-Xagħra;
- **Dun Michael Said** (min-Nadur) – *Vigarju Parrokkjali* fil-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp, il-Qala; u
- il-**Kan. Edward Vella** (mill-Għarb) – *Kollaboratur* fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, l-Għarb, minbarra l-ħidma pastorali li diġà qed iwettaq fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Girgor, Ta' Kerċem.

Fil-ħidma pastorali bħala *Diretturi Spiritwali* fl-iskejjel:
- **il-Kan. Alex Cauchi** (mill-Għarb) u **Dun Manwel Cutajar** (minn San Lawrenz) – fl-iskejjel primarji kollha ta' Għawdex; u
- **Dun Vincent Pavia** (mill-Katidral, il-Belt Victoria) – fil-Campus tal-MCAST, Għajnsielem.

Dawn il-ministeri ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex jidħlu fis-seħħ **nhar it-Tlieta 14 ta' Settembru 2021**, Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Huwa fid-dawl tal-imħabba, murija fil-misteru tas-Salib ta' Kristu, li kull ministeru fi ħdan il-Knisja għandu jsib iċ-ċentru u l-milja tiegħu waqt li jingħax bħala servizz u qadi għall-oħrajn.

Il-komunitajiet kollha huma mħeġġa sabiex matul dawn il-ġimgħat isir mument ta' talb kemm fil-parroċċi u kemm fil-familji għal dawn ħutna, ħalli filwaqt li nweżnuhom u ngħinuhom bit-talb u l-għajnuna tagħna, il-Mulej Ġesù – li beda din l-opra tajba fihom – iwassalha sat-tmiem skont ix-xewqa tiegħu.